**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Settembru, 2019**

**Rikors Numru: 170/2008 MLF**

**Bartolomeo Micallef u martu Bella Micallef**

**vs**

**Alfred Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi konjugi Micallef fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma li tigi ffissata mill-Qorti li ma teccedix l-ekwivalenti ta' hamest elef liri Maltin jew €11,646.87 in linea ta' danni kagunati minnu minhabba mandat ta' sekwestru vessatorju, b'talba eccessiva, u maghmul in mala fede, liema fatt ġab danni sostanzjali fil-kummerc tal-atturi u fir-reputazzjoni taghhom kummercjali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-7 ta' Jannar 2004.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok, in-nullita' tal-procedura billi l-azzjoni ghad-danni naxxenti mill-ħrug ta' mandat kawtelatorju ghandha ssir quddiem l-istess qorti li tkun ħarget il-mandat.

2. F'kull kaz u bla pregudizzju, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi t-talba kienet bazata fuq kont dettaljat mahrug minn perit arkitett.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. L-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni tal-villa taghhom gewwa l-Madliena, liema xogholijiet saru bejn l-1994 u l-1996. Waqt li kienu ghaddejin ix-xogholijiet, l-atturi kienu jghaddu hlasijiet akkont lill-konvenut u dan a bazi ta' kejl u kontijiet li kien jagħmel il-Perit Alex Bezzina inkarigat mill-atturi. Il-Perit Bezzina huwa hu l-attrici Bella Micallef.[1]

2. Il-konvenut ma kienx kuntent bil-kontijiet li kien johrog il-Perit Alex Bezzina u ghalhekk wara li x-xogholijiet kienu kompletati kien inkariga lill-Perit David Camilleri sabiex jivverifika il-kejl u l-kontijiet mahruga mill-Perit Bezzina. Il-Perit Camilleri ikkonkluda li kien hemm zball fil-kont tal-Perit Bezzina, u b'hekk l-atturi kien ghad fadlilhom ihallsu lill-konvenut LM8,926.67. L-atturi ma qablux mal-kont kif rivedut mill-Perit inkarigat mill-konvenut.

3. Dan wassal biex il-konvenut intavola proceduri fl-ismijiet "Alfred Farrugia vs Bartolomeo Micallef et" (Cit. Nru 475/99) decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[1] Ara l-affiadvit tal-konvenut a fol. 124 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a fol. 129 tal-proċess.

permezz ta' sentenza moghtija fis-27 ta' Frar 2008 fejn l-atturi gew ikkundannati jhallsu lill-konvenut is-somma ta' €8,790.61 ekwivalenti ghall Lm3,773.81 bhala bilanc mill-prezz tax-xogholijiet in kwistjoni.

4. Matul dawn il-proceduri, fis-7 ta' Jananar 2004 il-konvenut talab u ottjena il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq il-kontijiet bankarji tal-atturi fuq l-ammont ta' Lm9,517.67.[2]

5. Wara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2008, l-atturi iddepozitaw fil-Qorti l-ammont likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] u sussegwentement talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut fl-ammont ta' €11,600 in kawtela tat-talba taghhom f'din il-kawza. L-uniku sekwestratarju indikat f'dan il-mandat huwa ir-Registratur tal-Qrati.[4]

6. L-atturi intavolaw dawn il-proceduri fejn qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tillikwida d-danni allegatament sofferti minnhom b'konsegwenza tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru intavolat mill-konvenut fil-konfront taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni tal-Konvenut – In-Nullita' tal-Proceduri Odjerni*

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut isostni li dawn il-proceduri huma nulli billi l-azzjoni ghad-danni naxxenti mill-hrug ta' mandat kawtelatorju kellha ssir quddiem l-istess Qorti li harġet il-mandat, u cioe' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-konvenut issottometta li a tenur tal-artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili, ir-revoka tal-mandat jew it-talba ghall-hlas ta' penali kellha ssir quddiem il-Qorti li harġet l-att kawtelatorju u mhux quddiem Qorti ohra.

[2] Ara l-mandat ta' sekwestru numru 9/04 a fol. 56 tal-process.
[3] Ara l-affidavit tal-konvenut a fol. 124 tal-process.
[4] Ara l-mandat ta' sekwestru numru 971/08 a fol. 17 tal-process.

Minn naha l-ohra, l-avukat difensur tal-atturi, issottometta li d-danni mitluba f'dawn il-proceduri huma danni *aquiliani* u mhux dawk ipprospettati fl-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura iccitat mill-konvenut jitratta talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju li ssir mill-intimat li kontrih ikun inhareg l-att kawtelatorju. Is-subinciz (1) ta' dan l-Artikolu jippreskrivi hekk:

*"<u>Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra,</u> l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Il-kliem sottolineat mill-Qorti jindika b'mod l-izjed car li r-rimedji kontemplati fl-Artikolu 836 disponibbli lill-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju, huma hekk disponibbli minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht il-Kodici ta' Procedura Civili jew kull ligi ohra. Dan l-Artikolu allura ma jeskludiex li ssir ukoll kawza ghad-danni ibbazata fuq il-principji tal-*culpa aquiliana* kif kontemplata fil-Kodici Civili. Huwa sinifikanti wkoll li l-*marginal note* ta' dan l-Artikolu tghid *"Kontro-mandat".*

Huwa vera li l-Artikolu 836(9) jippreskrivi ipotesijiet (b'riferenza ghall-Artikolu 836(8)) meta l-intimat ghandu jigi rizarcit ghad-danni ikkagunati lilu bil-hrug tal-mandat kawtelatorju, meta l-intimat jistitwixxi proceduri ai termini tal-Artikolu 836. Pero dan is-subinciz, certament ma jimpedix lill-intimat milli jistitwixxi kawza ghad-danni allegatament lilu kagunati bil-mandat kawtelatorju taht ir-regoli generali tal-Kodici Civili.

Fil-fatt fis-sentenza **Blye Engineering Co. Ltd. vs Paolo Bonnici Ltd.** deciza fis-7 ta' Lulju 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] irriteniet hekk:

*"Din il-Qorti ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabbilita trid tohrog mill-applikazzjoni tal-*

[5] *Per* Imhallef Tonio Mallia.

*artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias."*

Il-kawza odjerna ma saritx ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura, izda hija talba ghad-danni allegatament naxxenti minn att kawtelatorju ibbazata fuq ir-regoli generali tar-responsabbilta' taht il-Kodici Civili. Ghalhekk kellha ssir quddiem il-Qorti kompetenti skond il-valur tad-danni pretizi, u mhux quddiem l-istess Qorti li tkun harget il-mandat. L-atturi illimitaw it-talba taghhom fir-rikors promotur ghal €11,646.87 u ghalhekk fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

*Il-Meritu*

It-talba attrici hija ibbazata fuq l-allegazzjoni illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li nhareg kontra taghhom fuq talba tal-konvenut kien wiehed vessatorju, b'talba eccessiva u maghmul in mala fede. Skond l-atturi, b'konsegwenza ta' dan l-agir tal-konvenut huma sofrew danni.

Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi u dan peress illi t-talba kienet bazata fuq kont dettaljat mahrug minn perit arkitett.

Fix-xhieda tieghu l-attur jghid illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni kien ilu fis-sehh ghaxar snin u li minkejja li kien sar depozitu fir-registru tal-Qorti, il-mandat ma kienx tnehha. Jghid li tul l-ghaxar snin li kien ilu fis-sehh il-mandat, l-atturi kienu tilfu madwar LM15,000, u cioe' LM1,500 kull sena. Skont l-attur, il-konvenut seta' jaghmel mandat ta' inibizzjoni fuq id-dar minflok mandat ta' sekwestru. Izid jghid li dan il-mandat affetwa n-negozju tieghu u ghamillu reputazzjoni hazina mal-banek. Skont, l-attur l-ammont sekwestrat kien wiehed eccessiv ghaliex fil-proceduri intavolati mill-konvenut kontra l-atturi, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet likwidat somma favur il-konvenut li kien anqas mill-ammont sekwestrat.[6]

[6] Ara l-affidavit ta' Bartolomeo Micallef a fol. 14 tal-process.

In kontro-ezami l-attur qal li huwa ma kienx ghamel proceduri biex il-mandat ta' sekwestru jigi revokat. Qal li mal-Bank HSBC huwa kellu biss LM500 filwaqt li mal-Bank of Valletta kellu facilita' ta' *overdraft* fuq ismu personali u facilita' ta' *overdraft* ohra fuq isem il-kumpanija Office Essentials Limited, li hija kumpanija tal-atturi li permezz taghha jaghmlu importazzjoni ta' *stationery*. Spjega illi minkejja dan il-mandat, in-negozju *tal-photocopying* minn hanut li ghandhom l-atturi fl-akkwati tal-Universita' xorta wahda baqa' ghaddej.[7]

Da parti tieghu, il-konvenut xehed li hu kien iddecieda li jitlob il-hrug tal-mandat kawtelatorju wara li beda jara li l-atturi bdew itawlu l-proceduri pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Qal li huwa xtaq illi jikkawtela l-ammont li kien iccertifika il-Perit David Camilleri u s-sekwestru kien talbu a bazi ta' dak l-ammont.[8]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Attard pro et noe vs Loreto Abela** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[9] fit-25 ta' Mejju 2005 inghad hekk:

"*Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin: l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għal jedd li għandu, ma jitqiesx li hu responsabbli għal ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita' ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;*

*… …*

*Illi għalhekk, il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti;*

Fis-sentenza **Blye Engineering Co. Ltd. vs Paolo Bonnici Ltd.** fuq citata, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li kkwotat *in extenso* diversi sentenzi ikkonkludiet hekk:

---

[7] Ara x-xhieda ta' Bartholomeo inkontro-ezami a fol. 28 tal-process.
[8] Ara l-affidavit tal-konvenut a fol. 124 tal-process.
[9] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.

*"Mill-premess jidher, li l-posizzjoni aktar akkredita hija dik abbraccjata minn din il-Qorti f'din il-kawza, u cioe, li r-responsabbilita ghad-danni, naxxanti minn proceduri gudizzjarjali issib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, b'zieda li tista' wkoll tiddependi mill-vessatorjeta u/jew mala fede ta' dak li jkun nieda dawk il-proceduri. Din hi l-pozizzjoni li hadet din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza "*<u>Sammut vs Sammut", deciza fil-5 ta' Gunju 2003, u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kompetenza Superjuri, fil-kawza </u>*"Rapa et vs Refalo et", deciza fl-24 ta' Ottubru 2003.*"

Ghalhekk ghandu jigi ddeterminat jekk il-konvenut kellux *prima facie* bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u jekk din it-talba saritx *buona fede sabiex* jipprotegi l-interessi tieghu sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-Qorti. F'kaz li r-risposta ghal dawn il-kweziti tkun fl-affermattiv, dan ikun ifisser li l-konvenut ezercita' jedd moghti lilu mill-ligi fil-qies li jmiss, u konsegwentement l-atturi ma jkollhomx dritt għal ħlas tad-danni minnhom pretizi. Jekk minn naha l-ohra jirrizulta li l-att kawtelatorju intalab b'mod abbużiv jew ghal raġuni fiergħa, isegwi li l-konvenut ikun agixxa b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u abbuza mill-jedd moghti minni lilu mil-ligi, u f'din it-tieni ipotezi huwa jkun responsabbli ghad-danni, li jigi debitament ippruvat li sofrew l-atturi

Mill-provi prodotti jirrizulta illi t-talba tal-konvenut ghall-hrug tal-mandat kawtelatroju kienet ibbazata fuq id-diskrepanza li wasal ghaliha l-Perit David Camilleri, wara li rreveda il-kejl u l-kontijiet maghmula mill-Perit Alex Bezzina. Ghalhekk il-pretensjoni tal-konvenut ghall-hlas addizzjonali minghand l-atturi ma kinietx ibbazata fuq semplici kalkoli tieghu jew kongetturi, izda fuq opinjoni ta' espert tekniku li gie inkarigat mill-konvenut sabiex jivverifika l-kalkoli li kien ghamel il-Perit Bezzina. Jirrizulta ukoll li filwaqt li x-xogholijiet kienu gew kompletati fis-sena 1996, il-konvenut intavola il-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal hlas ta' dak minnu pretiz fis-sena 1999, liema proceduri gew terminati permezz ta' sentenza moghtija fis-27 ta' Frar 2008. Il-mandat kawtelatorju *de quo* intalab fil-mori ta' dawk il-proceduri billi gie pprezentat fis-7 ta' Jannar 2004, u cioe meta l-kawza intavolata mill-attur kienet ilha aktar minn erba' snin pendenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva ukoll li ma huwiex korrett l-attur meta fl-affidavit tieghu jghid li "*l-mandat sar aktar*

*minn ghaxar snin ilu*" ghaliex fid-data tal-affidavit tal-attur il-mandat kien ilu fis-sehh hames snin.[10]

Inoltre, jirrizulta ukoll illi minkejja li l-atturi jsostnu li l-konvenut seta' jaghmel mandat ta' inibizzjoni fuq id-dar matrimonjali taghhom, mid-data tal-prezentata ta' dan il-mandat sad-data tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bejn il-partijiet, l-atturi qatt ma ttentaw jitolbu r-revoka tal-mandat lill-Qorti li kienet qeghda tittratta dik il-kawza a bazi tal-artikolu 836(1)(e) tal-Kodici ta' Procedura u cioe' illi kellhom garanzija ohra sufficjenti li tikkawtela l-ammont pretiz mill-konvenut, jew ghal xi raguni ohra kkontemplata fl-istess Artikolu 836(1).

Il-fatt li fil-kawza bejn il-partijiet, l-espert tekniku imqabbad mill-Qorti u l-istess Qorti ma qablux *in toto* mal-kalkoli tal-espert tal-konvenut, u l-ammont finalment likwidat favur il-konvenut kien inqas minn dak minnu kawtelat permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni, ma jfissirx li l-opinjoni tal-espert tal-konvenut kienet bla bazi jew li l-konvenut agixxa malizzjozament. Ma irrizultax li da parte tal-konvenut jew tal-espert tieghu kien hemm zball grossolan jew li kien hemm *mala fede*. Certament mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi l-fatti tal-kawza li kien hemm bejn il-partijiet, jew li tissindika l-apprezzament maghmul dwarhom mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Dak li jirrizulta mill-provi prodotti fil-kawza odjerna hu, li ghalkemm il-konvenut ma kienx sodisfatt bil-mod ta' kif kien qed jikkalkula x-xoghol tieghu il-Perit Bezzina, ma azzardax opinjoni wahdu ta' x'kien dovut lilu, izda talab l-opinjoni ta' persuna li tifhem in materja. Rinfaccat bil-veduta tal-Perit Camilleri, il-konvenut ezercita dritt li jispetta lilu, u li ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju huwa ghandu jkun responsabbli ghall-hsara li b'rizultat jista' jkun batew l-atturi. Hu biss f'kaz ta' abbuz fl-ezercizzju ta' dan id-dritt, li dak li jkun jista' jkun responsabbli ghad-danni, izda f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-konvenut abbuza mid-drittijiet tieghu, jew li agixxa b'imprudenza, negligenza jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Finalment il-Qorti ma tistax ma tinnutax l-element ta' pika da parti tal-atturi fid-dawl tal-fatt illi wara s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bejn il-partijiet, l-atturi

[10] Ara l-affidavit tal-attur a fol. 14 tal-process.

ddepozitaw fil-Qorti l-ammont likwidat favur il-konvenut, izda imbaghad intavolaw mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut fejn bhala sekwestratarju gie indikat ir-Registratur tal-Qrati. Dan effettivament wassal biex il-konvenut xorta wahda ma setax jitlob l-izbank tal-ammont depozitat. Konsegwenza ta' din l-istrategija, l-atturi ma setghux jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru li qed jilmentaw li kkagunalhom id-danni, kemm fil-kummerc taghhom kif ukoll fir-reputazzjoni kummercjali taghhom.[11] Fil-fatt fl-affidavit tieghu,[12] l-attur Bartolomeo Micallef jghid li dan il-mandat *"ghadu hemm, minkejja li ghamilna d-depozitu fir-registru tal-Qorti"*.

Fid-dawl tal-konsiderazzjoni suesposti, it-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;
2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u konsegwentement tichad it-talba attrici fit-totalita taghha;

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu in kwantu ghal erba kwinti (4/5) mill-atturi u kwint (1/5) mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

---

[11] Ara il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni a fol. 17 tal-process u l-affidavit tal-attur Bartolomeo Micallef a fol. 14 tal-process, fejn qal *"Il-mandat sar aktar minn ghaxar snin ilu u ghadu hemm, minkejja li ghamilna d-depositu fir-registru tal-Qorti"*.

[12] A fol. 14 tal-process.